MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 198/1995/1

**Ganni u Rose konjugi Sciberras**

**v.**

**Joseph Sciberras**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza f'kawza ta' spoll.

2. Permezz ta' citazzjoni presentata presentata fil-Qorti ta' Ghawdex (Superjuri) fit-3 ta' Novembru 1995, l-atturi ppremettew li huma l-attwali pussessuri u l-inkwilini ta'

porzjon raba' msejha "Il-Qortin ta' Ras il-Bajjada", fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka disa' mija u tmienja w tletin metri kwadri (938m2) u konfinanti mill-punent u tramuntana ma' beni ta' Felice Sciberras, u lvant ma' beni ta' Emmanuel Grima; illi l-konvenut, bejn is-16 u t-22 ta' Ottubru 1995 ikkommetta spoll vjolenti u klandestin di fronti l-istess atturi u dana billi dahal jokkupa l-istess raba', zergha x-xejer *(sic!)* fiha u haratha; illi minkejja li gie mitlub mill-atturi, il-konvenut naqas li jispurga dana l-ispoll minnu kommess; premess dan kollu l-atturi talbu lill-konvenut jghid ghala l-ewwel Qorti ma kellhiex (1) taqta u tiddeciedi li l-istess konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin a dannu ta' l-istess atturi, (2) tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss mill-Qorti jispurga dana l-ispoll u jerga' jaghmel kollox fl-istat pristinu tieghu; u (3) tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenut jaghmlu l-istess xoghlijiet huma a spejjez tal-konvenut – bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Ottubru 1995 u b'riserva ghal azzjoni ghad-danni.

3. Permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet tieghu tat-23 ta' Jannar 1996, Joseph Sciberras eccepixxa li t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt billi ma jissussistux l-elementi sabiex jiggustifika kawza ta' spoll; il-konvenut ikkontesta wkoll li l-atturi ghandhom b'lokazzjoni l-art imsemmija fic-citazzjoni.

4. B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fit-3 ta' Mejju 2002 intlaqghu it-talbiet attrici. Id-dispozittiv tas-sentenza jghid hekk:
**"Ghalhekk taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tal-attur *[recte: atturi]* b'dan li tirrintegra lill-attur fil-pussess ta' l-ghalqa msemmija fl-att tac-citazzjoni u ghall-fieni tat-tieni u t-tielet talba tipprefiggi terminu ta' gimgha mill-lum lill-konvenut sabiex jispurga l-ispoll u jerga' jaghmel kollox fl-istat pristin tieghu. Bl-ispejjez tal-kawza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali a karigu tal-konvenut."**

5. Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

**“Illi ghall-ezercizzju ta’ l-azzjoni ta’ spoll privileggjat jehtiegu tlett rekwiziti, cioe`: (a) il-fatt tal-pussess jew detenzjoni; (b) il-fatt ta’ l-ispoll; (c) id-deduzzjoni fil-gudizzju tal-azzjoni da parti tal-ispoljat fi zmien xahrejn minn mindu jkun gie kommess l-ispoll.**

**“Huma dawn il-parametri rigorusi li fihom ghandha tigi ristretta l-indagini f’kawza ta’ din ix-xorta u kif jiddisponi l-Artikolu 791(1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili ‘il-konvenut f’kawza ta’ spoll maghmula fi zmien xahrejn minn dak in-nhar li jkun sar l-ispoll, ma jista’ jaghti ebda eccezzjoni li mhix dilatorja, qabel ma jkun rega’ qieghed il-haga fl-istat ewlieni u raga’ qieghed ghal kollox fl-istat ta’ qabel il-parti li tkun batiet l-ispoll…’**

**“Issa jirrizulta wisq car mill-provi li t-terminu ta’ xahrejn jinsab ben sodisfatt u ghalhekk l-indagini f’dan il-gudikat ser tigi ristretta fuq l-ewwel zewg elementi li jirreferu ghal *‘possedisse’* u *‘spoliatum fuisse’*.**

**“Illi ghandu jigi rilevat fil-kuntest ta’ l-ewwel element, kif sostnut ripetutament mill-Qrati nostrali, li l-pussess jista’ jkun ta’ kwalunkwe natura u ghalhekk m’hemmx bzonn li jigi pruvat mill-attur illi huwa kellu l-pussess, bensi` jista’ jipprova u jkun sifficjenti li jipprova, biex tregi l-azzjoni, li huwa kellu s-semplici detenzjoni tal-haga. Fi kliem iehor tibbasta fl-ispoljat s-semplici detenzjoni li tfisser il-fatt materjali tad-detenzjoni indipendentement mill-ezistenza tad-dritt jew le tad-detenzjoni (vide Appell deciz 8 ta’ Marzu 1943 fl-ismijiet *Francesco Mifsud v. Michele Cassar* u Appell *Mizzi v. Sant* deciz fl-14 ta’ Frar 1921).**

**“Illi ghal dak li huwa l-element ta’ *‘spoliatum fuisse’* inghad fl-Appell *Mifsud v. Cassar* (fuq citat) li ghalkemm il-ligi fl-Artikolu 535 (Kap. 16) issemmi l-kelma ‘despoiled’ din il-kelma tista’ tikkomprendi**

**wkoll il-molestja jew turbativa semplici u li d-differenza bejn l-azzjoni tal-manutenzjoni kontemplata fl-artikolu ta' qabel u dan tikkonsisti fl-assenza jew il-presenza tal-vjolenza jew il-klandestinita`, ghax mentri l-azzjoni tal-manutenzjoni tista' tkun ezercitata anke f'kaz ta' spoll li ma jkunx vjolent u klandestin, din ta' l-Artikolu 230 [1] (illum 535) trid li dik il-molestja jew l-ispoll ikun sar permezz ta' vjolenza jew klandestinita`.**

**"Mill-fatti emergenti mill-provi jirrizulta wisq car li l-art meritu tal-kawza, murija fil-pjanta folio 22 kulurita bl-ahmar, hi proprjeta` ta' Lorenzo Sciberras, li jigi z-ziju tal-kontendenti. Jirrizulta wkoll b'mod car li din il-porzjon art kienet detenuta mill-attur, immaterjali taht liema titolu, u li l-konvenut recenti ghall-intavolar tal-kawza da parti ta' l-attur dahal f'din il-porzjon art u spossessa lill-attur. Dak li xehed il-konvenut u z-zewg xhieda minnu prodotti mhux attwali u hu kontradett mhux biss mill-attur u x-xhieda tieghu izda anke minn sid l-art stess."**

6. Minn din is-sentenza appella l-konvenut Joseph Sciberras permezz ta' rikors in data 21 ta' Mejju 2002. Huwa jikkontendi, bazikament, li tnjen mit-tlett rekwiziti biex tirnexxi kawza ta' spoll bhal dik dizamina – il-fatt ta' l-ispoll jew *spoliatum fuisse* u u d-deduzzjoni fil-gudzzju ta' l-azzjoni fi zmien xahrejn minn mindu jkun gie kommess l-istess spoll jew *infra bimestre deduxisse* – huma nieqsa f'dan il-kaz.

7. Din il-Qorti tosserva li effettivament l-appell jirriduci ruhhu fir-realta` ghal apprezzament tal-provi li ingiebu quddiem l-ewwel Qorti. Issa, kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun gie maghmul mill-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet, legalment u ragjonevolment, tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti f'kaz simili tintervjeni biss jekk tkun tal-fehma li dak l-apprezzament huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-

[1] Tal-Ordinanza VII ta' l-1868.

konkluzjoni bbazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn parti jew ohra.

8. Kwantu ghall-fatt ta’ l-ispoll, jibda biex jinghad li, kif korretement osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, il-kwistjoni tirrigwarda bicca zghira minn kumpless ta’ ghelieqi ohra, u precizament dik il-bicca art immarkata bl-ahmar fuq il-pjanta a fol. 22 annessa ma’ l-affidavit ta’ Lawrence Sciberras (u li hija murija wkoll fi pjanta ohra a fol. 98, liema pjanta tindika f’idejn min huma partijiet ohra mir-raba’). Kif ukoll osservat, korrettement, l-ewwel Qorti dak li wiehed irid jara huwa x’kien l-istat attwali fil-granet jew gimghat immedjatament precedenti l-att allegatament spoljattiv, u mhux x’kienet is-sitwazzjoni fattwali snin – jekk mhux ghexieren ta’ snin – qabel. Skond l-appellant ma jezistix il-fatt ta’ l-ispoll ghax l-art in kwistjoni kienet dejjem mahduma flimkien *“…bejnu u bejn l-attur Ganni Sciberras u cioe` li l-konvenut kien jahrat l-ghalqa kull sena mentri l-attur Ganni Sciberras kien jizra l-ful fiha. Dan l-arrangament kien ilu hekk ghal zmien twil u l-istess attur kien jaf b’dan ghaliex l-istess attur kien juza l-ghodda tal-konvenut stess.”* Konsegwentement l-appellant jikkontendi li ma kien hemm ebda spoll ghax kullma ghamel kien in ottemperanza mal-arrangament ezistenti, bil-konsegwenza l-ohra li l-ghemil tieghu la kien vjolenti u anqas klandestin. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, ma tistax taqbel mal-konvenut appellant. Din il-Qorti hi sodisfatta, bhalma neccessarjament kienet l-ewwel Qorti, li fiz-zmien immedjatament precedenti c-citazzjoni l-art in kwistjoni kienet f’idejn l-attur Ganni Sciberras, li kien addirittura jhallas qbiela lil Lawrence Sciberras – ara r-ricevuti, li qatt ma gew verament ikkontestati mill-konvenut appellant, a fol. 41 sa 44 u fol. 75 sa 79. Sinjifikanti hija d-deposizzjoni ta’ Lawrence Sciberras moghtija minnu quddiem il-Magistrat Supllenti Dott. Kevin Monpalao fil-15 ta’ Jannar 2002, a fol. 71 *et seq.* u in partikolari l-bran li gej:

**“Jien dahhalt lil Guzepp [il-konvenut] fir-raba’ kollu li kelli. Kif kien johrog bidwi kien jidhol Guzepp. Jien lil Guzepp ma ghamiltlu ebda kundizzjonijiet. <u>Lil Guzepp kont eskludejtu minn bicca raba’ li kienet tinhadem</u>**

**bhala ful. Ilu xi ghoxrin sena jahdimha Ganni [l-attur]".** (fol. 72).

Ma hemmx dubbju f'mohh din il-Qorti li bil-fatt li l-konvenut qabad u dahal fil-bicca ghalqa in kwistjoni kontra l-volonta` espressa tal-attur, u qed jinsisti li jahdimha hu, u hu biss (ara d-deposizzjoni tas-Surgent 812 Salvu Spiteri a fol. 45) jammonta ghal spoll fis-sens tal-ligi.

9. Kwantu ghall-kwistjoni tax-xahrejn, din il-Qorti tara li dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Il-provi jindikaw li f'xi zmien fit-tieni nofs ta' Ottubru 1995 il-konvenut dahal fil-ghalqa in kwistjoni u rrifjuta li johrog minnha[2]; ic-citazzjoni – li segwiet ittra ufficjali datata 23 ta' Ottubru 1995 – giet presentata fit-3 ta' Novembru 1995. Fi kliem is-sentenza appellata "it-terminu ta' xahrejn jinsab ben sodisfatt."

10. Konsegwentement din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tat-3 ta' Mejju 2002.

11. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li t-terminu ta' gimgha prefiss mill-ewwel Qorti jibda jiddekorri mil-lum. L-ispejjez ta' din l-istanza, bhal dawk ta' l-ewwel istanza, jithallsu kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] "Biex nohrog irid iharrikni" – ara d-deposizzjoni ta' P.S. 812 Salvu Spiteri, fol. 45.